MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 597/2014

**GO plc**
**C22334**

**vs**

**Bagshaw Edith Anne**
**ID41422-A**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici iddikjarat illi l-konvenuta ghandha taghti lis-Socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u wiehed u tmenin ewro u sebgha u tletin centezmu (€781.37c) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 42 (AC40230108).

Illi interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-Subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 888/14, u bl-imghaxijiet legali sa mill-14 ta’ Mejju, 2014, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra d-dokumenti li gewipprezentati mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati minn Dok.A sa Dok.E.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ seba’ mija u wiehed u tmenin ewro u sebgha u tletin centezmu (€781.37c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------